FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 05 TA' LULJU 2017

Il-Pulizija

Spettur Tony Cachia

vs

Andrea Busuttil

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 416087M talli nhar it-13 ta' Frar 2012, ghall-habta tal-5.10 ta' wara nofsinhar, minn gol-hanut 'Sphinx' pastizzerija, sitwat fi Triq Hal Luqa, Qormi:

1. flimkien ma persuna/I ohra ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu € 2329.37, liema serq sar ghad-detriment ta' Patrick Portelli u Charmaine Portelli u/jew ta' persuna/I u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;
2. bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Charmaine Portelli kontra' l-volonta taghha;
3. filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
4. aktar talli fil-11 ta' Frar 2012 ghall-habta tas-7.15 ta' filghaxija minn go hanut bl-isem 'Tal-Lira', sitwat fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, flimkien ma' persuna/i ohra ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur u li ma jeccedix l-€ 2329.37 u li sar ghad-detriment ta' 'Lira Ltd' ta' Joseph Sant u/ jew ta' persuna/i jew ta' xi entita u/ jew entitajiet ohra;
5. bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Georgianne Coppola kontra' l-volonta taghha;
6. aktar talli fit-29 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-12.00 nofsinhar minn go hanut bl-isem 'Classic Jewellers', sitwat 140 Triq San Gorg San Giljan, flimkien ma' persuna/i ohra ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur u li ma jeccedix l-€ 2329.37 u li sar ghad-detriment ta' 'Classic Jewellers' u/ jew ta' persuna/i jew ta' xi entita u/ jew entitajiet ohra;
7. bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Amanda Bartolo kontra' l-volonta taghha;

8. filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
9. garr il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu, xi skieken jew strumenti li jaqtghu jew bil-ponta, ta' liema xorta tkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
10. aktar talli fl-10 ta' Frar 2012, ghall-habta ta' 05.45 ta' filghodu go Triq il-Wileg San Pawl il-Bahar flimkien ma' persuna/i ohra ikkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-detriment ta' Atidzhe Syuleymanova Dzhaferova;
11. sar recediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula jew imhassra;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Ratl-Artikoli 261 (a)(c)(b), 264, 270, 279, 86, 49, 50 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikoli 36 u 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Tikkundannah sentejn prigunerija.

A.M. Trigona
Magistrat